Verżjoni Elettronika

A.L. 24 tal-2023

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorita għat-Trasport f'Malta, il-Ministru responsabbli għat-trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 65.05.

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti priċipali.

2. Is-sezzjoni D ("Projbitorji - Għemil") tat-Taqsima II ("SINJALI REGOLATORJI") tal-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata b'dan li ġej:


(a) l-ewwel paragrafu tal-partita (e) tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"Is-sinjal li jindika TOW ZONE (Żona ta' Rmonk) fin-Nru. (10) juri li oġġett ta' ingombru ikun ipparkjat jew imħolli waħdu f'żona fejn jista' jiġi rmunkat. Avviż li jkun jindika l-proċeduri li jkunu jridu jiġu segwiti għat-teħid lura tal-imsemmi oġġett għandhom ikunu indikati b'mod ċar fl-imsemmi avviż."; u

(b) is-sinjal li jindika TOW ZONE (Żona ta' Rmonk) fin-Nru. (10) għandu jiġi sostitwit bis-sinjal ġdid li ġej:

B 166

"(10)



#

".
